MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-24 ta' April, 2015

Mandat Numru. 672/2015/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 672/2015JZM fl-ismijiet :**

**Anthony Montebello (detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru : 0176050M)**

***kontra***

**L-Awtorita` tat-Turizmu ta` Malta**

***u***

**l-Ministeru ghat-Turizmu**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Ir-rikorrent pprezenta rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") il-bierah.

Il-bierah stess, din il-Qorti kif presjeduta tat digriet fejn, wara li rat ir-rikors, ordnat in-notifika lill-intimati, tathom sal-lum fl-10.00 a.m., sabiex jipprezentaw risposta bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal-lum stess fil-11.00 a.m.

L-intimati kienu notifikati il-bierah u pprezentaw zewg risposti bil-miktub fit-terminu lilhom prefiss.

Ir-rikors kien trattat illum stess. Xehed Roderick Zammit li kien imsejjah biex jixhed mill-Awtorita` ntimata. Id-difensuri ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom.

Il-Qorti laqghet talba tar-rikorrent, li kienet opposta mill-intimati, sabiex isir access fuq il-post. Fil-fatt l-access sar fis-1.00 p.m. tal-lum stess.

Ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrent **talab** lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex l-intimati jinzammu milli :-

***bi kwalunkwe mod li jkun, taharqu u / jew tippermettu lil terzi, jaharqu xogholijiet tan-nar, ikunu ta` liema xorta jkunu, waqt l-avveniment maghruf bhala "Malta Fireworks Festival 2015" minn ghalqa jew ghelieqi li jinsabu qrib hafna tar-residenza ta` l-esponenti li tinsab gewwa l-"farmhouse" maghrufa bhala "Il-Ballut", Triq Delimara, Marsaxlokk.***

## III. L-ilment tar-rikorrent

Fir-rikors, ir-rikorrent ighid li huwa ilu jirrisjedi ghal numru twil ta` snin fil-*farmhouse* bl-isem "Il-Ballut" fi Triq Delimara, Marsaxlokk. Is-sena li ghaddiet kien organizzat *Malta Fireworks Festival* go Marsaxlokk ; il-hruq tal-loghob tan-nar sar minn zona qrib hafna ta` fejn joqghod hu. Huwa kien ipprotesta mal-Pulizija dwar il-periklu u r-riskju li seta` jgarrab jekk il-hruq tan-

nar isir qrib ir-residenza tieghu. Cio` nonostante, il-hruq tan-nar sar xorta kif ippjanat, ghalkemm huwa stess kien offra post alternattiv ragonevoli lill-organizzaturi tal-festival, li kienet rifjutata. Ighid ir-rikorrent illi r-riskju u l-periklu ghal hwejgu huwa kostitwit l-aktar mill-hruq tal-ghelieqi ; is-sena l-ohra hekk gara u kellhom tintervjeni l-iskwadra tat-tifi tan-nar. Ghal din is-sena, il-hruq tan-nar se jsir mill-istess post tas-sena l-ohra. Ghalkemm intervjena mal-Pulizija kien infurmat tramite l-avukat tieghu li t-toroq kienu sejrin jinghalqu bhala mizura ta` prevenzjoni. Ghar-rikorrent il-fatt li se jkun privat minn access ikabbar ir-riskju ghalih. Skond ir-rikorrent dawn huma fatti li jistghu jigu kostatati fuq is-sit. Isostni r-rikorrent li l-kwistjoni ghalih mhijiex wahda ta` inkonvenjent izda ta` riskju u periklu ghas-sahha u ghall-propjeta`. Inoltre l-post mnejn se jinharaq in-nar ma josservax id-distanzi mit-triq pubblika stabbiliti mil-ligi.

## IV. <u>Id-difiza tal-intimati</u>

Ghalkemm l-intimati pprezentaw risposti separati, il-Qorti se tigbor is-sostanza ta` dak li kien rilevat minnhom it-tnejn, kif ukoll milli rrizulta mix-xiehda ta` Roderick Zammit. L-Awtorita` ntimata applikat u kisbet il-permessi kollha necessarji mill-awtoritajiet kompetenti sabiex tniedi u torganizza l-Malta Internationl Fireworks Festival 2015, attivita` maqsuma fuq tliet dati, bl-ewwel wahda tkun ghada s-Sibt filghaxija go Marsaxlokk. Hamsa se jkunu l-kmamar tan-nar partecipanti. Ix-xorta tan-nar se jkun nar tal-ajru ta` diversi tipi. Ix-xoghol tan-nar se jkun regolat b`sistemi kompjuterizzati. L-attivita` ta` Marsaxlokk (del resto bhall-ohrajn) hija koperta minn polza ta` assikurazzjoni (*public liability policy*) sa limitu ta` miljun Ewro. Fuq il-post se jkun hemm tliet *fire-engines* ghat-tifi mmedjat ta` kull eventwalita` ta` hruq, kif ukoll nies apposta mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili sabiex jiccerifikaw is-sikurezza tal-post wara kull wirja. Kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrent, il-post tieghu mhuwiex residenzjali. Skond Roderick Zammit, id-distanza bejn d-dhul ghall-parti mghottija tal-fond u l-post fejn se jinharaq in-nar huwa tal-inqas erbghin metru. Id-distanzi regolamentari se jkunu osservati fl-ewwel lok ghaliex fl-inhawi ma hemmx residenzi kif ukoll ghaliex it-triq pubblika se tkun maghluqa.

## V. <u>L-access</u>

Il-Qorti marret fuq il-post. **<u>Fil-qosor</u>**, l-area taht il-kontroll tar-rikorrent hija mifruxa fuq tletin tomna, kif irrileva r-rikorrent stess. Il-Qorti kkostatat il-post fejn se jitla` n-nar senjalat b`zewg bnadar homor, u d-dhul ghal parti msaqqfa tal-fond tar-rikorrent, skond ir-rikorrent adibit ghall-abitazzjoni. Fuq l-ghajn, id-distanza taqbez l-erbghin metru tul. F`din il-parti msaqqfa, hemm xi tlitt ikmamar fosthom wahda kbira. Il-post ghandu twieqi tal-aluminium li jaghtu ghal barra. Fil-fond, hemm provvista ta` dawl u ilma min-normali, kif ukoll *backup generator*. Hemm ukoll zewg sodod, kwardaroba zghira bi hwejjeg go fiha, fridge mixghul bl-ikel go fiha, kif ukoll kcina li tikkomprendi post ghall-ikel u bosta siggijiet. Fuq barra hemm setah imdaqqas biex wiehed joqghod komdu ghall-arja. Billi z-zona taht il-kontroll tar-rikorrent hija mifruxa u kbira, hemm parti msaqqfa ohra li qeghda sservi biex jinzammu numru ta` *mountain goats*, tjur u ghasafar.

## VI. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>

**<u>Skond is-subinciz (1)</u>** :–

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

**<u>Skond is-subinciz (2)</u>** :–

*Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mela **in linea generali**, tnejn huma l-elementi li rikorrent irid jissodisfa :-

1) irid juri li l-mandat huwa **mehtieg** sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ;

2) irid jipprova li ***prima facie*** ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

... ***huwa rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.* (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).

Iz-zewg elementi fuq riferiti huma in linea generali. Izda fejn il-Mandat ikun qed jintalab li johrog *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha* [**Art 873(3)**] l-elementi minn tnejn isiru tlieta u cioe` :–

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-*

*kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Fil-kors tat-trattazzjoni tar-rikors, kienet biss l-Awtorita` ntimata li ghamlet id-dikjarazzjoni fil-miftuh prevista mill-Art 873(3) tal-Kap 12 billi kienet hija li organizzat il-Festival.

Dikjarazzjoni simili ma setghetx issir mill-Ministeru ntimat billi dan ma kienx qieghed jorganizza l-Festival. Il-Qorti sejra tqis dan il-punt ta` dritt `il quddiem.

Fil-kuntest tat-**tielet element** li jrid jikkonkorri fil-kaz ta` Mandat *kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha*, partikolarment l-element tal-*pregudizzju*, ghandu jinghad illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

## VII. Konsiderazzjonijiet

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat. Ghalhekk li sejra taghmel il-Qorti huwa li tistharreg jekk jirrizultax il-jedd *prima facie.* Jekk dan il-jedd jirrizulta, allura tghaddi sabiex tqis ir-rekwiziti l-ohra ; jekk dak ir-rekwizit ma jirrizultax, allura ma jkunx hemm htiega li tqis l-elementi l-ohra.

Wara li qieset ir-ragunijiet li gab u kkonferma bil-gurament ir-rikorrent, wara li hadet kont tal-posizzjoni li hadu l-intimati, wara li accediet fuq il-post, u wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel element huwa sodisfatt. Fil-fehma taghha, ir-rikorrent ghandu jedd *prima facie* u oggettiv li jitlob il-hrug tal-Mandat. Il-Qorti accertat ruhha mill-post fejn se jsir il-hruq tan-nar in relazzjoni mal-parti miz-zona tar-rikorrent li hija msaqqfa u ghandha twieqi li jaghtu ghal barra. Il-Qorti ma tafx is-sahha tan-nar li se jitla`. Tinsab kwazi certa li n-nar huwa tipiku tal-festivals li allura jfisser li se jkun sostanzjali. Nafu li kull partecipant se jkollu sbatax-il minuta biex jaghmel il-wirja tieghu. Ghal din il-Qorti, iz-zona tar-rikorrent hija oggettivament esposta ghal effetti provenjenti mill-hruq tan-nar. Tul kont li hawn si tratta ta` nar tal-ajru li min jiskattah ikun certament f`distanza itwal minn erbghin metru, iz-zona tar-rikorrent ma tistax titqies hielsa mill-effetti. Ghaliex hawn si tratta ta` xoghol pirotekniku, ma jistax jigi eskluz *a priori* li l-hruq tal-loghob tan-nar, anke jekk debitament sorveljat u b`mizuri ta` prevenzjoni *in place,* jista` jgorr mieghu riskju aktar milli periklu ghar-rikorrent. Ir-riskju ta` hsara ghar-rikorrent jaghti lir-rikorrent jedd *prima facie* li jitlob il-hrug tal-Mandat. Ghal din il-Qorti, mhuwiex daqstant vitali jekk ir-rikorrent jirrisjedix abitwalment fil-fond – ighidu x`ighidu d-dokumenti ufficjali li wera lill-Qorti – jew jekk imurx fil-fond biex jaghmel ikla tajba mal-hbieb jew mal-familja u wara jqatta` l-lejl fil-post. Ghal din il-Qorti din mhijiex l-*overriding consideration.* Il-kwistjoni reali hija ir-riskju potenzjali ta` hsara anke jekk fil-parti in kwistjoni ma kienx il-post li huwa, izda post fejn jinzammu l-annimali.

Kif diga` kellha okkazjoni tghid fi procedimenti ohra qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi nbidlet u stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat ghandha jew tintlaqa' jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi stadju bhal dak

tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

Billi fil-fehma taghha, jirrizulta jedd *prima facie*, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis iz-zewg rekwiziti l-ohra.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi hija l-karenza taz-zewg rekwiziti l-ohra li maghhom tikkozza t-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat.

Dwar l-element tal-*htiega* l-Qorti tishaq illi l-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja. Anke jekk il-jedd *prima facie* jirrizulta, it-talba tar-rikorrent tehel fl-element tal-htiega. Il-prosegwiment tal-wirja tan-nar mill-post in kwistjoni mhijiex sejra tgharraq ghal kollox lir-rikorrenti b`mod li jispicca jitlef kull rimedju li jista` jkollu kontra l-intimati jew min minnhom. Il-Qorti trid tirrileva li bil-proceduri ta` prevenzjoni li tqeghdu *in place* r-rikorrent huwa ragjonevolment tutelat illi fl-eventwalita` ta` nar li joqrob lejn il-beni tar-rikorrent tista` tittiehed azzjoni rimedjali tempestiva. Jekk issir il-hsara, mhux biss hemm il-kopertura assikurattiva, izda tibqa` mpregudikata l-azzjoni ghad-danni favur l-intimati jew min minnhom. Fi kliem iehor, bic-cahda tat-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat, ir-rikorrent se jibqghu mpregudikati t-toroq kollha ordinarji sabiex ifittex id-drittijiet tieghu. Il-hrug tal-Mandat mhuwiex l-uniku hajt tal-kenn li ghandu r-rikorrent sabiex ma jitlifx id-drittijiet tieghu kontra min eventwalment jaghmillu hsara.

Fil-provvediment taghha tat-28 ta` Novembru 2014 fil-procediment fl-ismijiet "**<u>Dragonara Gaming Limited (C49849) vs Il-Ministeru tal-Finanzi et</u>**", din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :-

*L-element tal-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

Dwar l-element tal-*isproporzjon fil-pregudizzju,* il-Qorti hija tal-fehma li dan ir-rekwizit ma jirrizultax lanqas favur ir-rikorrent. Fit-talbiet ghall-hrug ta` Mandat kontra l-Gvern ma hemmx kwistjoni ta` *rrimedjabilita`* tal-pregudizzju izda l-konsiderazzjoni hija l-*isproporzjon.* Bejn it-tutela tal-jedd li ghandu r-rikorrent fl-eventwalita` ta` hsara, mal-inibizzjoni tal-intimati jew min minnhom li ghada jittella` n-nar tal-ajru ghall-festival mill-post stabbilit ifisser – xejn aktar u xejn inqas – illi jithassar il-festival ma hemm l-ebda paragun. Il-bilanc imur kollu kontra l-intimati. Li tithassar imqar data wahda minn festival internazzjonali, bil-preparattivi kollha, li wiehed jista` jimmagina, mifruxa fuq xhur, bl-involviment ta` tant nies u tant spejjez huwa manifestament sproporzjon kontra l-intimati jew min minnhom meta mqabbel mal-interessi tar-rikorrent.

**Sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat, ir-rekwiziti huma stretti u l-Qorti hija prekluza (*<u>m`ghandhiex</u>*) milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti <u>kollha</u> (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed (fil-kaz tal-lum mankanti tnejn) il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog.**

Finalment dwar il-posizzjoni ta` l-Ministeru ntimat f`dan il-procediment, il-Qorti taccetta li d-dikjarazzjoni skond l-Art 873(3) ma setghetx issir mill-Ministeru ghaliex il-Ministeru ma kienx l-organizzatur tal-festival u kwindi l-Ministeru ma kellux ikun parti f`dan il-procediment, fl-istess waqt il-Qorti tirrileva illi ghandu jkun l-istess Ministeru li jbati l-ispejjez tieghu billi rrizultat il-prova li saret mir-rikorrent illi fir-reklamar li sar tal-festival fuq l-*internet* issemma li l-organizzaturi kienu z-zewg intimati mhux l-Awtorita` wahedha. Evidentement dan it-taghrif ma kienx korrett tenut kont ta` dak li nghad mill-Ministeru fir-risposta.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug tal-Mandat. Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez tieghu u dawk tal-Awtorita` tat-Turizmu. U tordna lill-Ministeru tat-Turizmu sabiex ibati l-ispejjez tieghu.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------